MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 28/1999/1

**Anthony Holland, Noel Holland, Suor Orlanda fis-seklu Marion Holland, Helen armla mill-Prim Imhallef Carmelo Schembri, Maria Concetta mart it-Tabib Joseph Zammit Lupi u Estelle mart John Azzopardi Vella**

**vs**

**John Buttigieg u Angelo Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati li

jiżgumbraw minn biċċa raba magħrufa bħala "Il-Kortin ta' San Blas" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex ta' ċirka tlettax-il tomna (13 T), liema konċessjoni enfitewtika skadiet fil-21 ta' Novembru 1996 skond kuntratt tan-Nutar Aloisio Calleja Pace tat-22 ta' Novembru 1897, stante li l-konvenuti m'għandhom l-ebda titolu legali u qed jiddetjenu l-fond illegalment u abbużivament u dan liema żgumbrament għandu jsir fi żmien qasir u perentorju .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut John Buttigieg li eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra tiegħu huma għal kollox infondati peress illi huwa ma jokkupa jew b'xi mod jiddetjeni ebda parti mit-tlettax-il tomna raba magħrufa bħala "Il-Kortin ta' San Blas" msemmija fl-avviż;

2. Illi għalhekk d-domandi attriċi in kwantu diretti kontra tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Angelo Camilleri li eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament in-nullita' tal-avviż stante li dan għalkemm ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) huwa bid-diċitura tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost kull wieħed mill-atturi għandu jiddikjara u jipprova l-interess tiegħu fir-raba indikata stante li hemm uħud mill-atturi li ma għandhom l-ebda interess f'din ir-raba u dan għaliex din ma appartjenix lilhom ;

3. Illi preliminarjament u wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenut John Buttigieg ma

għandu l-ebda konnessjoni mar-raba magħrufa bħala "Il-Kortin ta' San Blas" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex ta' ċirka tlettax-il tomna stante li din ir-raba hija f'idejn il-konvenut Angelo Camilleri u huwa jiġbor biss il-ħlas tal-istess raba ;

4. Illi l-konvenut Angelo Camilleri qed jokkupa din ir-raba b'titolu ta' qbiela u għalhekk it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt jekk ikun il-kaz .

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li minn issa qed jiġu nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 91/98 quddiem din il-Qorti wkoll u allegat ma' l-atti odjerni permezz ta' digriet tat-3 ta' April 2001 .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa indikata fl-Avviż, għax jikkontendu li l-istess konvenuti qed jokkupaha mingħajr ebda titolu validu fil-liġi . Il-konvenut Buttigieg jiċħad illi huwa qed jokkupa xi parti minn din l-art, filwaqt illi l-konvenut l-ieħor Camilleri, da parti tiegħu, jinsisti li qed jokkupa l-istess art b'titolu ta' qbiela .

Irriżulta ampjament illi l-konvenut Buttigieg ma jokkupa l-ebda parti mit-territorju msemmi f'dan l-Avviż, imma biċċa art oħra proprjeta' ta' l-attriċi Estelle Azzopardi Vella waħedha, li kienet ipposeduta in enfitewsi temporanja minn ommu Roza Buttigieg. Din l-art hija l-mertu ta' kawża oħra bejn l-istess Buttigieg u Azzopardi Vella u m'għandha xejn x'taqsam ma' l-art mertu tal-kawża preżenti, ħlief illi oriġinarjament kienet tifforma parti minn territorju akbar li kien ġie konċess in enfitewsi temporanja

għal disa' u disgħin sena lil ċertu Francesco Said[1] . Buttigieg pero' kien għamel xi żmien jiġbor ir-rati ta' ċens mingħand id-diversi ċenswalisti ta' dan it-territorju u jeħodhom għand is-sidien, wara li kien talbu jagħmel hekk nannuh Mikieli Said, li kien refa' mix-xogħol minħabba l-eta' . Jidher illi ddaħħal f'din il-kawża billi ftit qabel ma ġiet intavolata, l-proprjetarja, l-attriċi Suor Orlanda Holland, kienet irċeviet tliet ċedoli ta' depożitu mingħandu u l-konvenut l-ieħor flimkien, fejn iddikjaraw li kellhom f'idejhom ir-raba' magħrufa "Il-Kortin ta' San Blas" fil-limiti tan-Nadur, li hija proprju r-raba mertu tal-kawża preżenti[2]. L-eċċezzjoni tal-konvenut Buttigieg hija għalhekk ġustifikata u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju .

Il-konvenut Camilleri, apparti li eċċepixxa illi qiegħed jokkupa din l-art b'titolu ta' qbiela, għamel diversi eċċezzjonijiet oħra . L-ewwel waħda dwar in-nullita' ta' l-Avviż ġiet irtirata, wara li l-Qorti laqgħet it-talba ta' l-atturi għall-korrezzjoni fit-titlu tal-Qorti[3] . It-tieni eċċezzjoni kienet tirrigwarda l-interess ta' uħud mill-atturi fl-art *de quo* . Irriżulta illi din l-art tappartjeni lill-imsemmija Suor Orlanda Holland, pero' sakemm għadha ħajja ħutha, l-atturi l-oħra, għandhom l-użufrutt tagħha,[4] u għalhekk bħala tali żgur illi l-aħwa Holland kollha, kellhom interess jippromuovu din il-kawża . Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk respinta . Bit-tielet eċċezzjoni tiegħu, Camilleri kkontenda l-istess affarijiet li qal il-konvenut Buttigieg dwar il-fatt li dan ma jokkupa ebda parti mill-art in kwistjoni, u għalhekk qed tiġi milqugħa .

Fil-mertu, mbagħad, il-konvenut Camilleri eċċepixxa illi qed jokkupa din l-art b'titolu ta' qbiela . Fil-kawża proprja baqa' ma xehed xejn u fil-kors tas-smiegħ tal-mandat ta' inibizzjoni li ġie allegat mal-kawża, fuq domanda speċifika tal-legali tar-rikorrenti (l-atturi odjerni), dwar kif kien qed

---

[1] Ara kuntratt in atti nutar Aloisio Calleja Pace tat-22.11..1897 Dok. AH. 3 a fol. 133 tal-Mandat Nru. 91/98 .

[2] ara Cedoli esebiti bħala Dokti. JB, .JB 1 u JB 2 a fol. 281, 282 u 283 tal-process .

[3] ara verbal tas-seduta ta' l-4 .6.1999 a fol. 41 tal-process .

[4] ara kuntratt ta' divizjoni in atti Nutar J. H. Saydon tal-14.111.1979 a fol. 12 - 37 tal-process .

jokkupa din l-art, Camilleri wieġeb : "***Naħdimha jien, x'nista' ngħidlek iżjed … kien jaħdimha n-nannu u qalli 'tridx taħdimha ? Għidtlu 'Naħdimha jien'***. " [5] Ta' min jinnota illi minkejja illi din id-depożizzjoni ngħatat aktar minn sena wara li ġiet intavolata l-kawża preżenti, Camilleri fl-ebda ħin ma semma xi pretensjoni dwar titolu ta' qbiela li seta' kellu fuq din l-art u lanqas min ikkonċedielu din il-qbiela jekk tassew kienet saret . L-unika prova dwar xi qbiela Camilleri pprovdiha biss proprju fl-aħħar stadju tal-kawża, billi pproduċa pitazz li jikkontjeni numru ta' irċevuti ta' qbiela rilaxxjati lilu minn ommu Maria Camilleri fuq diversi artijiet, fosthom biċċa msejjħa "*Tal-Qortin ta' Fuq is-Sies*".[6] Apparti l-fatt illi bl-ebda mod ma ġie ppruvat illi din l-irċevuta tirreferi proprju għall-art in kwistjoni, lanqas ma ntqal x'poter kellha ommu sabiex tikrilu din l-art, jekk verament l-irċevuti jirreferu għall-art in kwistjoni . Sabiex il-konvenut Camilleri jkun protett fil-qbiela ta' din l-art, anke wara li skadiet il-konċessjoni enfitewtika, (f'dan il-kaz fl-1996), apparti kundizzjonijiet oħra, trid tkun ġiet konċessa lilu minn min kellu dritt jagħmel hekk bħala ċenswalist[7] . Imma baqa' ma rriżultax kif Maria Camilleri dan setgħet tagħmlu . Nafu biss mix-xhieda tal-konvenut Buttigieg illi n-nannu tal-konvenut Camilleri, ċertu Guzepp Azzopardi kien miżżewweġ lil oħt Mikieli Said, iben iċ-ċenswalist oriġinali[8] . Imma kif l-art in kwistjoni spiċċat f'idejn din Maria Camilleri, biex din setgħet imbagħad tikrija legalment lil binha l-konvenut qabel ma skada ċ-ċens, ma ġiex spjegat u wisq anqas ippruvat . Lanqas ma ġie mfisser għaliex il-konvenut Camilleri, jekk tassew kien inkwilin tar-raba' *de quo* sa mill-1985, kif juru l-irċevuti minnu esebiti, ppreżenta t-tliet ċedoli ta' depożitu hawn fuq imsemmija, fit-23 ta' Settembru 1998,[9] proprju ftit xhur biss wara li ġie ntavolat il-Mandat ta' Inibizzjoni ndikat kontra tiegħu, fejn hu u l-konvenut l-ieħor Buttigieg stqarru illi kienu ċ-ċenswalisti ta' l-art in kwistjoni, u ma ssemmiet ebda

---

[5] ara deposizzjoni tal-konvenut Camilleri ta' l-1 ta' Gunju 2000 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru.91/98 a fol. 144
[6] a fol. 456 tal-process .
[7] art. 1530 tal-Kap. 16 .
[8] ara deposizzjoni ta' John Buttigieg fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru, 91/98 a fol. 141
[9] Dokti. JB, JB1 u JB.2 a fol. 281, 282 u 283 tal-process .

qbiela. Jekk tassew kien fi qbiela, kif issa qed jippretendi, ma kienx jispetta lil Camilleri li jiddepożita rati ta' ċens għas-snin 1994, 1995 u 1996, għax sakemm skadiet din l-enfitewsi temporanja, d-depożitu kellu jsir f'isem ommu, kemm-il darba din kienet verament iċ-ċenswalista ta' l-art *de quo* . Imbagħad għas-snin 1997 u 1998, wara li ġiet itterminata l-konċessjoni enfitewtika, seta' jiddepożita **l-qbiela** u mhux **iċ-ċens** direttament a favur tal-padrun dirett, ħwejjeġ pero' li baqgħu ma sarux .

F'tali ċirkostanzi l-Qorti xejn m'hi konvinta mill-pretensjoni tal-konvenut Camilleri li qiegħed jokkupa l-art in kwistjoni b'titolu validu ta' qbiela . Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti Buttigieg u Camilleri li l-konvenut John Buttigieg m'hu jokkupa ebda parti minn din l-art, u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut Camilleri u tiffissalu terminu perentorju ta' tliet (3) xhur sabiex jiżgombra mill-art deskritta fl-Avviż .

L-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-konvenut Camilleri."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Angelo Camilleri. Bl-ewwel aggravju jiccensura lill-ewwel Qorti talli din sfilzatlu l-Affidavit ta' ommu, Maria Camilleri, u, b' hekk, skond hu, cahditu mill-ahjar prova u ppregudikatlu d-difiza tieghu. Apparti din id-doljanza, bit-tieni aggravju tieghu jillimita ruhu biex jafferma illi hu pprova li r-raba mertu tal-kontestazzjoni kien imqabbel lilu;

Koncizament, fir-rigward ta' dawn iz-zewg aggravji, ir-risposta ta' l-atturi tista' tigi hekk komposta:-

(1) Ix-xhud Maria Camilleri nghatat bosta drabi l-opportunita` li jitkomplilha l-kontro-ezami u, gjaladarba hi ghazlet li ma tikkoperax, l-isfilz tax-xhieda taghha kien ferm gustifikat;

(2) L-appellant ma gab ebda prova inkontrovertibbli ta’ xi qbiela favur tieghu;

(3) Anke kieku stess l-appellant irnexxielu jipprova li kellu titolu bhal dan, allura jkollu jinghad, illi, skond gurisprudenza pacifika, min igawdi minn kirja li nghatatlu minn proprjetarju b’ titolu temporanju ai termini ta’ l-Artikolu 1530, Kapitolu 16, dan xorta wahda ma jistax igawdi mill-protezzjoni tal-ligijiet specjali tal-kera;

Skond l-inkartamenti tal-kawza dak li wassal ghall-isfilz tax-xhieda ta’ Maria Camilleri hu ahjar illustrat fil-kwadru li jsegwi:-

(1) Fil-kors tal-kontroezami li kien qed isirilha nqala’ incident u x-xhud qabdet u allontanat ruhha mis-seduta li kienet qeghda ssir fl-ufficcju tar-rapprezentant legali tal-konvenut appellant. Ara rezokont tas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2004 ta’ l-Assistent Gudizzjarju a fol. 405, fejn, ukoll, in calce tieghu, dan ippropona lill-Qorti l-isfilz tad-deposizzjoni ta’ l-istess xhud;

(2) Fuq din is-senjalazzjoni l-Qorti ffissat seduta ohra ghall-21 ta’ Mejju 2004, din id-darba fil-presenza taghha. Ara verbal a fol. 406. Ma jirrizultax mill-atti jekk din is-seduta effettivament nzammetx. Insibu pero` skond il-verbal tat-2 ta’ Lulju 2004 (fol. 412) illi ghall-istess skop giet iffissata seduta ghat-13 ta’ Awissu 2004;

(3) B’ rikors ipprezentat jumejn biss qabel din is-seduta l-Qorti giet mitluba thassar din is-seduta ghax sahhet ix-xhud, skond certifikat mediku anness, marret lura. Interessanti jigi notat illi, skond dan ic-certifikat, it-tabib li emettih irrakkomanda li x-xhud “*does not attend for any legal proceedings or situations likely to expose her to emotional stress and physical exertion*” (fol. 424). Fic-cirkostanzi, il-Qorti rrimandat is-seduta ghall-24 ta’ Awissu 2004. Ara digriet taghha tal-11 ta’ Awissu 2004 a fol. 425;

(4) Fil-jum hekk iffissat, ir-rapprezentanti legali ta’ l-appellant informa lill-Qorti illi fuq it-taghrif lilu moghti mill-

patrocinat tieghu, ix-xhud kienet indisposta. Billi ma gie esebit lilha ebda certifikat mediku tal-qaghda ta' sahhet ix-xhud, il-Qorti ghaddiet biex tordna l-isfilz tax-xhieda precedenti taghha. Ara verbal a fol. 427;

(5) Jinghad ukoll f' dan l-istess verbal illi Dr. Chris Said fl-interess ta' l-appellant kien behsiebu jipprezenta rikors b' talba biex jigi awtorizzat jappella mid-digriet ta' l-isfilz moghti. Dan ir-rikors baqa' ma giex ipprezentat, forsi anke ghaliex, kif senjalat mill-Avukat Joseph Ellis ghall-atturi fl-istess verbal, l-Artikolu 229 (1) (j) Kapitolu 12 kien jipprekkludih milli jintroduci appella f' dak l-istadju;

Premessi dawn l-aspetti tal-kwestjoni involuta, l-ewwel haga li din il-Qorti tiddenota hu l-fatt li fit-talba revokatorja tieghu mis-sentenza finali in kwantu jikkoncerna lilu, l-appellanti ma talabx ukoll ir-revoka tad-digriet ta' l-24 ta' Awissu 2004 li bih l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Maria Camilleri. Jinghad fil-parti introduttiva ta' l-Artikolu 229 (1), ghal liema jirreferi l-inciz (j), ossija c-cahda jew l-akkoljiment ta' talba ghall-isfilz, illi appell minn tali digriet irid isir "<u>biss</u> wara l-ghoti tas-sentenza definittiva <u>u flimkien</u> ma' appell minn dik is-sentenza". Ara "**Avv. Irene Bonello -vs- Onor. Prim Ministru et**", Appell, 28 ta' Frar 1997. F' dan il-kaz dan ir-rekwizit mhux sodisfatt u allura jsegwi li minn dak id-digriet ma sar ebda appell specifiku;

Anke kieku stess pero` din il-Qorti kellha tintrattjeni ruhha dwaru xorta wahda ma ssibx, fuq l-istess cirkostanzi pprezentati quddiemha, illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-ordni minnha emessa li tisfilza dik ix-xhieda. Ordni din konsegwenzjali ghal certa kondotta, apparentement ostruzzjonista ta' l-andament xieraq u kif imiss tal-proceduri u, ghalhekk, kundannabbli bic-censura flokha adottata mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Dan indipendentement mir-rilevanza u l-effikacja li kienet taghmel prova bhal dik, anke ghaliex, kif ben maghruf, l-*iter* proceduralí ma jikkonsentix estensjoni jew restrizzjoni "*da motivi di indole privata o singolare*" jew li dawn l-istess

motivi jigu akkonsentiti u aprovati “bi dritt”, minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti. Ara f’ dan l-istess sens id-decizjoni riportati a **Vol. XXIX P I p 237** u **Vol. L P I p 27**. Anke in vista ta’ dan li nghad l-ewwel aggravju ma jisthoqqlux jigi akkolt;

Fil-kaz tat-tieni gravam jigi l-ewwelnett osservat illi hu principju konsagrat fid-duttrina processwali illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi l-vertenza quddiemu “*iuxta allegata et probata*”. Dan jimporta li d-decizjoni tieghu tkun estratta unikament mill-allegazzjonijiet tal-partijiet, u, cjoe, mic-cirkostanzi tal-fatti dedotti fil-gudizzju ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni, u mill-provi offerti mill-partijiet infushom. Dan ifisser illi fid-djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u disposittiv tal-parti l-valutazzjoni ta’ dawk il-provi li hi tixtieq tippoduci. Haga naturali, il-principju jibqa’ pero` dak generali, fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba ghas-sostenn tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni;

Affermat dan il-principju, jidher mir-*ratio decidendi* tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti rrizolviet l-mertu tal-kontestazzjoni billi, fuq il-provi minnha analizzati, ma hassithiex konvinta mill-pretiza ta’ l-appellant illi dan kien verament qed jokkupa r-raba b’ titolu validu ta’ qbiela;

Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirriproduci dawk l-elementi tal-provi analizzati li fuqhom l-ewwel Qorti akkampat ir-ragonament taghhom u li maghhom din il-Qorti pjenament tikkonkorda. Tillimita ruhha biex b’ mod generali tafferma anke hawn principju iehor ben not fl-ordinament guridiku taghna, dak, jigifieri, illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji hu mholli fil-liberu u prudenzjali konvinciment tal-gudikant adit mill-mertu. Dan necessarjmanet ifisser illi fil-poter diskrezzjonali ampju li kull gudikant igawdi huwa jista’ jaccetta li joqghod fuq dawk il-provi li hu jqis l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu u li jwarrab jew jiskarta dawk l-ohra li hu jidhirlu li huma nkompatibbli

mad-decizjoni adottata. Isegwi illi, kif, del resto, hu sew pacifikament ritenut f' gurisprudenza kopjuza, illi meta dik id-diskrezzjoni tirrizulta hekk logika u koerenti ma' l-elementi utilizzati, u tkun ukoll sorretta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit, dik il-valutazzjoni hi, imbaghad, insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni. Ara a propozitu **Kollez. Vol. XXIV P I p 104**, **Vol. XXXII P I p 17** u **Vol. XXXVII P I p 56** fost bosta ohrajn, passati u prezenti;

Fil-kumpless, is-sentenza tati kwadru tajjeb ta' dawk l-elementi li fuqhom l-ewwel Qorti ssoffermat u ffondat il-konvinciment taghha kif ukoll ta' l-*iter* segwit minnha fil-valutazzjoni tal-provi biex tasal ghal konkluzjoni proprja. Fil-verita`, minn imkien mir-rikors ta' l-appell tieghu ma jirrizulta li l-appellant, b' xi mod, adduca li saret valutazzjoni errata tar-rizultanzi istruttorji jew gab 'il quddiem bi gravam l-inkongruwenza u l-illogicita` tal-motivazzjoni biex b' hekk jikkonsenti l-apprezzament minn din il-Qorti ta' xi allegat difett ta' motivazzjoni. Huwa, invece, illimita ruhu *sic et sempliciter* biex bi kliem generiku jafferma l-kontenzjoni li l-provi wrew li r-raba kien hekk imqabbel lilu. Xejn aktar minn hekk;

Il-provi processwali ma jissufragaw bl-ebda mod din il-kontenzjoni tieghu. In aggunta mar-riflessjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti din il-Qorti ma tistax tonqos li tikkonsidra illi hu tassew stramb li l-appellant innifsu baqa' ma xehedx fil-proceduri. Certament il-kaz tieghu mhux assistit mill-fatt li ma xehedx, anke jekk kellu l-possibilita` jaghmel dan wara li l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' ommu. Il-fatt wahdu li certi xhieda jistqarru li jaraw lill-appellanti fir-raba ma jifsserx ghal daqshekk biss li huwa ghandu t-titolu ta' qbiela vantat minnu. Din il-Qorti, imbaghad, lanqas ma tara li l-appellant hu mghejjun mil-librett tal-kera esebit minnu *in extremis*. Dan ghar-raguni illi l-kontenut tieghu hu pjuttost konfuz u hadd ma ttella' biex joffri spjegazzjoni plawsibbli dwaru, apparti wkoll illi fir-raffront tieghu mac-cedoli ta' depoziti riferibbli ghac-cens, u mhux kera, ihalli sapur li seta' gie konfezzjonat fl-

ahhar mumenti biex jaghti l-apparenza ta' dak it-titolu li fir-realta` qatt ma ezista. Dan kollu jorbot mal-konsiderazzjoni gja maghmula u li tati lok ghall-aktar dubju. Ghax jekk l-appellanti lanqas biss ma xehed, kif jista' jsostni d-difiza tieghu li hu tabilhaqq ghandu titolu ta' qbiela, li hu, imbaghad, jivvanta li hu wiehed validu. Fic-cirkostanzi jkollu jinghad li l-aggravju sottomess fuq dan il-punt jiggarraf fuq l-iskoll tan-nuqqas ta' prova konvincenti ghas-sostenn ta' l-allegat titolu;

Din il-Qorti, jekk trid, tista' tieqaf hawn. B' danakollu thossha fid-dover li tirrimarka fuq l-impressjoni guridika zbaljata sostenuta mill-atturi appellati fir-risposta enumerata (3) u aktar 'il fuq riprodotta. Fiha huma jsostnu bil-konfort ta' xi sentenzi (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 1346** u **Vol. XLIX P II p 767**) illi kirja moghtija minn min ghandu titolu rizolubbli taht l-Artikolu 1530 Kodici Civili, ma ghandhiex il-protezzjoni tal-ligijiet specjali tal-kera meta tispicca dik il-kirja. Dawn is-sentenzi inghataw rispettivament mill-Imhallef Maurice Caruana Curran fis-16 ta' Dicembru 1964 u 23 ta' Frar 1965. Kif inhu risaput fuq l-istregwa tas-sentenza celebri in re "**Zahra -vs- Frendo** (Qorti ta' l-Appell, 21 ta' Frar 1969) dik l-affermazzjoni guridika kontenuta f' dawk is-sentenzi soffriet mutazzjoni drastika, fis-sens li fil-kaz ta' kirjiet bhal dawn li jinstabu li nghataw "*on fair conditions*" jiskattaw il-ligijiet specjali. Anke jekk b' certi rizervi fejn si tratta minn fondi kummercjali l-istess Imhallef insenji rrikonoxxa l-portata ta' dik id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Ara s-sentenzi tieghu, sede Kummercjali, in re "**Louis Apap Bologna *proprio et nomine* -vs- Godwin Portelli**" u "**Rinaldo Wismayer -vs- Paolo Saydon *et***", pronunzjati fil-31 ta' Mejju 1983 u 7 ta' Gunju 1983 rispettivament, b' ta' l-ewwel konfermata in sede appell fis-6 ta' Mejju 1985. Il-principju hu llum ben saldat u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirrepeti dak li hu ormaj ben maghruf anke mill-istudenti tal-ligi *in subjecta materia*.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mill-ewwel Qorti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-

sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant. Iz-zmien ta’ tliet xhur koncess mill-ewwel Qorti ghall-iskop ta’ zgumbrament mir-raba *de quo* jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------